MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2403/1996/1

**Brigitte Veneziano Broccia**

**-vs-**

**Av. Dr. Joseph Mario Sammut u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan, b'digriet ta' l-ghaxra (10) ta' Ottubru 1996 gew mahtura bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-imsiefer Calogero Veneziano Broccia**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-Knisja tal-Kappucini, Floriana, fit-30 ta' Settembru 1995;

Premess illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Premess illi inoltre l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Premess illi l-konvenut issimula l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg;

Premess illi l-kunsens ta' l-attrici gie ottenut b'rizultat ta' frodi da parti tal-konvenut ai termini ta' l-Artikolu 19 (c) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975;

Premess illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fit-30 ta' Settembru 1995 huwa null u bla effett fil-ligi;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ccelebrat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Settembru 1995 huwa null u bla effetti legali u taghti dawk il-provedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati, u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr. Joseph Mario Sammut u l-P.L. Davina Sullivan nominati biex jirrapprezentaw lill-konvenut Calogero Veneziano Broccia, illi fiha huma eccipew:-

1. Illi huma ma kienux edotti mill-fatti u rrizervaw li jecepixxu ulterjorment eccezzjonijiet ohra;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni rrizervaw ukoll illi jaghmlu dawk l-atti u proceduri kollha li jkunu jinhtiegu, necessarji u permessi mil-ligi wara li jigu edotti mill-fatti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet ta’ l-24 ta’ Marzu 1998 li permezz tieghu giet nominata bhala espert legali l-Avukat Dr. Tanya Sammut biex tigbor il-provi u tirrelata;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol. 42 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tat-2 ta’ Mejju 2001;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Fir-ricerka taghha ghal otteniment ta’ dikjarazzjoni li z-zwieg taghha, celebrat fit-30 ta’ Settembru 1995, huwa null u bla effett legali, l-attrici hekk tippremetti:

(a) li l-kunsens ta’ zewgha nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta’ l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga – Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255;

(b) li l-kunsens ta’ l-istess zewgha kien vizzjat b’difett serju ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha – Artikolu 19 (1) (d);

(c) li l-konvenut zewgha issimula l-kunsens tieghu ghaz-zwieg – Artikolu 19 (1) (f);

(d) li l-kunsens taghha gie miksub bi frodi da parti ta’ l-istess zewgha – Artikolu 19 (1) (c);

Osservazzjoni primarja li taghmel din il-Qorti hi li l-azzjoni attrici giet proposta meta bilkemm kienu ghadhom skorrew disa' (9) xhur miz-zwieg celebrat bir-rit religjuz. Ghall-precizjoni l-provi jistabilixxu illi "iz-zwieg dam biss ftit gimghat, bilkemm xahrejn" (xhieda bl-affidavit ta' Michael Falzon, zewg oht l-attrici, fol. 32);

Il-kwadru, imbaghad, li jitpitter tal-koppja huwa wiehed li jista' jigi definit kuntrastanti: "naif" fejn ghandha x'taqsam l-attrici u "impressjonista" fejn jikkoncerna l-konvenut zewgha;

Minn ezami tal-provi jirrizulta li l-attrici kienet impulsiva u ghal kollox immatura. Nonostante t-twissijiet jew rakkomandazzjonijiet konsultattivi ta' ommha Adelina Pace (fol. 126) u ta' ohtha Patricia Falzon (fol. 122 u fol. 123) biex toqghod attenta u terga' tahsibha, hi ghaddset rasha u ghaddiet ghaz-zwieg. Minn naha l-ohra d-deskrizzjoni li nsibu dwar zewgha hi li dan kien "irresponsabbli", "bla emozzjonijiet", ghazzien, bla hegga ghax-xoghol, "jghix hajja ta' guvni", mehdi fid-divertiment, moghti ghal loghob ta' l-azzard fil-Casino, u inklinat biex ipappiha minn fuq dahar martu. Forsi x-xhud li jqiegheed is-sitwazzjoni fil-perspettiva ovvja taghha huwa Dun Gorg Dalli (fol. 130), il-kappillan li koxjenzjozament hass li ma kellux izewweg lill-partijiet. L-ispjega li jaghti hi hekk rakkjuza:

"Ir-raguni ghal din id-decizjoni tieghi, bhala bniedem illi kont naf lil Brigette, kienet illi kont inqis illi din kienet dahlet ghal din ir-relazzjoni mhux bhala rizultat ta' mhabba izda bhala rizultat tas-solitudni illi kienet qeghda thoss peress illi kienet tghix wahedha, u wkoll minhabba l-irreponsabilita` kbira li kont nara da parte tal-konvenut ... Lanqas kien responsabbli ghalih innifsu ahseb u ara kemm seta' jerfa' r-responsabilita` taz-zwieg u tal-familja.";

Konfrontata b'dan il-kwadru l-perit legali gustament tinnota fir-rapport taghha (fol. 42 *et sequitur* tal-process) illi t-talba attrici ghandha tintlaqa' fuq il-bazi ta' dak dettat mill-Artikolu 19(1)(d) u (1)(f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg;

Effettivament fiz-zwieg bejn il-kontendenti kien hemm assenza tal-fakoltajiet ta' kritika, estimativa u valutativa, dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, kif ukoll assenza ta' maturita` affettiva relattiv ghall-imsemmi oggett. Ma' dan hemm abbinat dik l-inkapacita` psikika, partikolarment fil-konvenut, illi jaghraf u jirrifletti adegwatament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Il-partijiet dahlu impreparati ghal dan iz-zwieg minghajr dik il-maturita` ekwilibrata u l-gudizzju ghaqli dwar l-importanza tad-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga flimkien. F'din is-sitwazzjoni kien aspettat ghalhekk li z-zwieg jitfarrak wara biss ftit gimghat;

La kien hemm preparazzjoni serja u lanqas imhabba soda. Anzi din ta' l-ahhar kienet ghal kollox nieqsa fil-konvenut. Dan hu konfermat minn dak li l-konvenut stqarr lill-attrici qabel ma telaq: "Ma nhobbokx, ghamilt zball kbir nizzewgek u ha nitlaq" (fol. 117). Dan ukoll jinduci ghal konkluzjoni illi mill-bidunett iz-zwieg kien nieqes minn komunjoni ta' hajja flimkien, element dan indispensabbli u essenzjali tal-hajja mizzewga. Manifestament kien ovvju illi ghal konvenut ma kienetx tezisti l-vera xewqa li hu jqatta' l-kumplament ta' hajtu ma' l-attrici jew li jaghtiha t-totalita` tieghu nnifsu. Internament, u anke esternament, kif rifless mix-xhieda, kien demotivat ghall-ahhar, skars minn emozzjonijiet u priv minn affett versu martu;

Kwantu ghas-simulazzjoni din tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala "*colorem habens, substantiam vero nullam*"; li b'konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju;

Fir-rigward tal-kuntratt taz-zwieg gie spjegat illi jkun hemm is-simulazzjoni meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda <u>internament</u> u b'att pozittiv tal-volonta` taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew tkun qed tskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – "**Muscat –vs- Borg Grech**", Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' Awissu 1995; "**Alfred Tonna –vs-**

**Maria Tonna**", Prim' Awla, Qorti Civili, 31 ta' Jannar 1996);

Mill-provi jidher manifestament esplicitu minn dak mistqarr mix-xhieda illi fil-konvenut kien hemm fil-kunsens moghti minnu "l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga" (Artikolu 19(1)(f));

Fic-cerimonja taz-zwieg ghad li l-konvenut wera esterjorment il-kunsens tieghu li jiehu lill-attrici b'martu b'danakollu dan ma ghamlux bi hsieb ta' rabta ghal dejjem maghha. U dan kien ben car mill-mod ta' komportament tieghu qabel iz-zwieg u minn dak konfessat ma' martu qabel telaq;

Il-perit legali ma kkummentat xejn fuq il-kawzali l-ohra wkoll dedotta mill-attrici illi l-kunsens taghha inkiseb b'qerq jew bi frodi;

Issa skond it-test tal-ligi (Artikolu 19(1)(c)) biex jissussisti dan l-element tal-qerq irid jezisti referibilment ghal "xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga";

L-attrici ma tispjegax f'hiex, skond hi, zewgha "*scienter*" adopera l-qerq biex ivvizzja l-kunsens taghha. L-osservazzjoni li qed taghmel din il-Qorti hi li fir-rigward il-provi jeskludu din il-kawzali in kwantu ma jokkorrix dak l-element specifiku kostitwenti l-qerq jew l-ingann dwar xi kwalita` ta' zewgha. Zgur, per ezempju, li l-falsa impressjoni ma nsorgietx fiha wara z-zwieg meta gja minn qabel ic-celebrazzjoni tieghu hi kienet konsapevoli tal-fatt illi zewgha kellu atteggjament indifferenti ghal kollox, primarjament 'ghax-xoghol'. Hekk ukoll kienet taf dwar id-dizinteressament tal-konvenut fil-konfront taghha. Fuq dan gibdulha l-attenzjoni ommha u ohtha. Minn kif spiccaw l-affarijiet ma jistax jigi indott li kien hemm xi fatt sostanzjali li ma kienx gja maghruf u li per konsegwenza tieghu ikkreja krizi tant qawwija malli gie skopert;

In subjecta materja l-principju jibqa' dak sancit fl-Artikolu 981 (2) tal-Kodici Civili, jigifieri li "l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat". Haga li ma rnexxilhiex taghmel l-attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u b'hekk tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fit-30 ta' Settembru 1995 huwa null u bla effett ghal motivi dedotti fl-Artikolu 19 (1) (d) u (1) (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255). Tordna konsegwentement li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg tal-kontendenti li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 5 tal-process.

Tenut qies tac-cirkostanzi kollha f'dan il-kaz l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

(ft) Philip Sciberras

__________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

________________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur